

# Hamsin Sena
## ta' ħidma Saċerdotali
## (1953 - 2003)



## Can. Dun Carm Calleja

# Ħamsin Sena
# ta' ħidma Saċerdotali (1953 - 2003)



**1930-1939**

Missieri kien importatur ta' l-ikel, xorb u żwiemel. Kuljum kien iqassam ix-xogħol ma' Malta kollha, u f'San Ġiljan ukoll. Ommi kienet iddejjen lill-familji f'San Ġiljan. Ħafna żgħażagħ għażżwieġ kisbu d-dota minn għandha. Dar fil-Qaliet kienet meħtieġa minħabba x-xogħol u l-villeġġjatura. Allura jien kont midħla ta' San Ġiljan dejjem. Fit-2 ta' Awissu 1939, xahar qabel skoppjat il-gwerra, miet missieri popletiku.

**1940**

Dħalt is-Seminarju. L-admission examinations għamilthom waqt li l-air raids tat-Taljani kienu fuqna.

**1941-1942**

Kienu snin ta' blitz. Is-seminarju ċċaqlaq għal Sta Venera, Qormi u B'Kara.

F'Settembru 1942 batta l-blitz u aħna ġejna għal dejjem San Ġiljan, ġo Spinola, fuq ir-Rocky Vale f'nofs il-fortizzi Ta' ġiorni, Spinola u Pembroke. Il-poplu niżel għal 800. San Ġorġ, il-Qaliet u t-triq tal-bajja sfaw battala, minħabba xi invażjoni.

**1943**

Mal-mewt tal-Kappillan Bonanno, l-Isqof Mauro bagħat qassis Furjaniż jamministra l-parroċċa. Id-duttrina tal-preċett u l-griżma kien jieħu ħsiebha l-Belti John Galea li kien refuġjat għand ħuti. Billi kont ġa nieħu ħsieb inqassam is-servizz lill-abbatini sħabi, il-Kappillan Debono qabbadni wkoll nieħu ħsieb id-duttrina għax John Galea telaq lejn il-belt u beda jsibha diffiċli jilħaq l-ewwel trasport ta' wara l-gwerra mill-Belt sal-Balluta kull siegħa. Bħala katekisti kelli lil Mary Borg, Carmena Bonnici, Carmena Attard u wara, ġew l-aħwa Busuttil u oħrajn.

**1944**

Is-Sur Karm Pace Bonello kien iħobb jirrakkontalna fuq l-attivitajiet li kienu jsiru fl-open air Teatru Melita. Darba fettilli ngħidlu: "Imqar insibu xi post bħalu biex niġbru fih id-duttrina, l-abbatini u ż-żgħażagħ, flok is-sagristija." Dar fuqi u qalli: "Issa nitkellem ma' ħija (Dr Ġużé Pace Bonello)" L-għada, ferħan, tani ċ-ċwievet biex intihom lill-kappillan. Minnufih bdejna nsewwu fih. Ingħaqdu magħna żgħażagħ ta' mparna, xi rġiel u nisa. F'qasir żmien



*bdejna d-duttrina; nirrextaw fuq il-palk; il-kor ta' San Ġiljan, li kont bdejt qabel id-duttrina u l-abbatini, issa żidtu bix-xebbiet u l-ġuvintur biex ikantaw songs tal-gwerra fuq il-palk, fil-quddiesa tat-8.00am tat-tfal u fil-festi ta' San Ġiljan, Corpus, il-Qalb ta' Ġesù, il-Milied, l-Għid etċ. Għad għandi s-songs li kont nikteb dak iż-żmien. B'hekk nibtu ċ-ċentri ta' l-aspiranti, ġuvintur u rġiel Azzjoni Kattolika li tagħhom sar President Dr Anton Busuttil, li kien daħħal ukoll il-Legion of Mary; kif ukoll Azzjoni Kattolika xebbiet, taħt id-direzzjoni spiritwali ta' Dun Frank Calleja Gera u Tessie Busutil, Presidenti li akkwistaw dar 25 Triq Lapsi, fejn wara ħadt id-duttrina.*

*L-iscouts kienu fl-aqwa tagħhom, bil-banda tagħhom. Billi ħafna mill-membri ta' l-Azzjoni Kattolika kienu scouts u cubs; l-iscout master, is-sur Joe Storace, kien iridni nagħti "a weekly spiritual talk" lill-iscouts ukoll,nimmarċja magħhom fis-"Sunday Church Parade" u ngħid-ilhom it-talb fil-visti tas-Seba' Knejjes, Ħamis ix-Xirka, eċċ, liebes is-suttana u l-berettin.*

**1945**

*Fit-8 ta' Mejju tħabbru s-"cessation of hostilities". Il-Ġappun ċeda wara. Żdied il-porzjon tar-ration. Allura stajt norganizza parties bil-cocotina, kremi, cakes u minerali fil-preċett, griżma, Christmas, Sibt il-Għid u San Ġiljan. Niftakar darba ħuti taw it-tfal il-borma bil-kokotina taħraq u fit-triq, Neriku Grech, ħu l-Beżżi, telaq il-widna u l-borma nqalbet.*

*Meta morna noqogħdu fit-triq tal-baħar, ommi xtratli pjanu, li safa msawwat mhux biss minni, iżda wkoll minn xi sebgħin bejn tfal u żgħażagħ tal-kor ta' San Ġiljan. Miss Bebé Busuttil offriet li tiġi xi kultant iddoqqilna. Bdejna l-waterpolo fil-pitch ta' San Ġiljan (quddiem Grenfell Junction), taħt is-Sur Miggiani. Niftakar darba gżawni lill-kappillan li qed nagħti l-majnati lit-tfajliet. Bdejna l-competitions bħalma konna nagħmlu fit-Teatru melita bl-Indoor Games (Table Tennis, drts, chess, drafts, eċċ...) Fil-pitch konna nagħmlu competitions tat-tlielaq ta' l-għawm sal-Qaliet u lura, sajd bil-qasba, qarnit bil-harpoon, u għar-rizzi ngħozzu bil-goggles, eċċ....*

**1946**

*Iġġilidna ma' l-iscouts għax qalu li qed nitraskurawhom fil-competitions u għamlu simenta ftit il-bogħod mill-pitch. Il-kappillan kien laqqam lis-seminaristi "kleru tal-parroċċa" (Dun Furt, Edward Zarb, Tonio Sciċluna, Guido Calleja, (li ġbidnieh magħna mis-seminarju fl-1944) u jien). Jien kont niġbor għall-festa, anke l-Imsieraħ (San Ġwann). Kont norganizza l-Badge Day ukoll. Edward u Furtu kienu jagħmlu l-lotteriji u lkoll imdeffsa f'kull attività parrokkjali.*



**1947-1953**

*Dħalt boarder fis-Seminarju Maġġuri. Fil-vaganzi tal-Christmas u l-Għid, kont noħroġ lit-tfal u ż-żgħażagħ outings lejn il-Buskett, Wied Qirda u c-Chadwick Lakes. Fis-sajf kont nibqa' nvolut fl-istess attivitajiet li kelli speċjalment il-Kor San Ġiljan. Dun Anton wasal fl-1949 u tgħabba b'kollox, plus il-Missjoni. Ftit qabel ġie l-viċi Dun Franġisk Zammit.*

**1953**

*Ġejt ordnat qassis fl-anniversarju tal-mewt ta' missieri (2 t'Awissu 1939) ma' Gwido Calleja. Iż-żewġ qassisin Dun Vincenz Pace (Mejju) u Dun Anton Bonello (Diċembru) mietu f'din is-sena; u aħna dħalna flokhom. Is-sezzjoni tfal Kor San Ġiljan kantaw fil-quddiesa Solenni tiegħi ma' l-orkestra li daqqitli Missa Secunda Pontificalis a tre voci tal-Maestro Perosi li kont għażiltha jien. Il-kor kellu ħafna appuntamenti barra l-parroċċa wkoll, bħalma huma:- Pontifikal fil-Knisja ta' San Franġisk ta' putirjal bil-quddiesa ta' Perosi taħt id-direzzjhoni ta' Maestro Taljan; go San Pawl tal-Belt; festi titulari u sekondarji f'diversi parroċċi; fuq ir-Rediffusion, parties tal-Milied u Christmas Caroling fit-triqat u f'tiġijiet u palk d'diversi swali tat-teatri.*

**1955**

*Dħalt ngħallem fl-iskejjel primarji tal-gvern. Dan tani l-opportunità li nsaħħaħ il-kor bi tfal magħżula mill-primarja. Il-kor kanta fl-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Furt u wara fil-pussess ta' Dun Gwido Kappillan. Barra l-kor, fl-1953, ħadt f'idejja d-duttrina, l-aspiranti u l-irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika, u wara x-xebbiet ukoll, l-uffiċju parrokkjali għal sena, palk u reċti. Kien dak iż-żmien li ktibt dramm fuq San Ġiljan; dramm tip ta' teatru Grieg; traduzzjoni u addattament tal-Merchant of Venice u Julius Caesar ta' Shakespeare, dramm tal-Passjoni u reċti b'att wieħed ta' sitt parabboli tal-Vanġelu. Il-Kumpanija tiegħi Bonitas esegwit ukoll peppinu fil-Karnival, Sant'Azellina, Żewġ Ħotbin, Scrooge, Manannni ġibli t-tapp, pantomimi u varjetà ta' songs ingliżi u taljani u ċajt qosra, mill-kor San Ġiljan f'diversi swali tat-tejatrin u cinema imferxin f'Malta.*

**1957**

*Il-Kappillan G. Calleja ħa d-direzzjoni tal-kor f'idejh u jien bqajt ngħallmu. Il-kor sar iktar raffinat u magħruf.*

**1959**

*Ftaħt l-ewwel Youth Centre f'Malta u xtaqtu jkun fi ħdan l-Azzjoni Kattolika Maltija. Ġbart fih dawk iż-żgħażagħ li bdew jittraskuraw l-Azzjoni Kattolika. Kien żmien ir-Rock & Roll.*

*Ġew fih ukoll żgħażagħ minn barra l-parroċċa min-ħabba t-tim tal-football "St. Julian's Stags."*



**1962**

*Għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida, l-Arċisqof Gonzi lqajnieh b'kor ta' madwar 400 tifel u tifla u mija oħra kbar fl-arkati ta' Spinola u anima d-dimostrazzjoni u l-funzjoni tal-poplu ferm numeruż.*

**1966**

*Sar kappillan Dun Ġwann Galea, wieħed mill-ewwel tfal tal-kor. Ħa f'idejh il-Kor San Ġiljan. Il-Kor sar iktar popolari.*

**1967**

*Fl-ewwel pellegrinaġġ kbir tad-Duluri (Marzu) tqaddset l-ewwel quddiesa fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Il-kor immexxi minni, anima l-funzjoni kollha. Bdejt ngħallem liż-żgħażagħ fit-Technical Institute tal-Gvern l-Imrieħel u wara (1971) tlajna n-Naxxar.*

**1968**

*Ftaħt l-ewwel Mixed Youth Club f'Malta. Fis-sajf mort working holiday l-Istati Uniti bl-iskop li nistħarreġ dwar il-hippies; billi nvolvejt ruħi fl-appostolat taż-żgħażagħ. Rajthom kotrana bil-kids imqabbdin magħhom ġo Manhattan, Brooklyn, Los Angeles... Ġo San Francisco mort wieħed mill-Open Air discos tagħhom. F'Malta kien ġà jinħass il-moviment tal-Hippies fil-ftit nightclubs ġol-Gżira, barra l-belt u fil-Kottonera; pilloli ħomor, suwed u bojod; LSD u cocaina; xi żgħażagħ jitilqu mid-dar eċċ. Iddeċidejt li nibda norganizza discos u niftaħ mixed club. L-attendenza taż-żgħażagħ minn Malta kollha kienet fenomenali. Daily members kienu jlaħħqu mat-tmenin. Il-membership tela' għall-350. Attendenza għad-discos kienet taqbeż l-1000. Is-sala ta' ħdejn il-knisja ġiet f'qasir żmien mgħammra b'żewġ bil-liards, table tennis, l-ikbar model motor racing mogħtija mill-Esso Oil Company li ġibnieha minn Ħal Balzan, palk, team tal-football, etċ. L-istorbju u l-problemi ma naqsux. In-nies jitkattru, imma l-kuntentizza qatt. Sar ħafna seksik. Ommi wrietni li b'dak il-ftit li kienet tinduna bih, ma għogobhiex. Ħuti bdew jingħaqdu m'ommi; weħlu wkoll il-klieb li bdew nebħa u ma jisktux qabel nidħol jien id-dar fit-tard. Dan kien veru, għax draw li jirrifjutaw li jieklu qabel nasal jien biex jieklu miegħi. Bdejt nitħasseb li fuq kollox, din l-attività setgħet ma tkunx skond ir-rieda ta' Alla. Wara tliet snin temmejt il-clubs. Iż-żgħażagħ xterrdu u sabu triqithom fi clubs u discos li nibtu bħal faqqiegħ ġo Malta u Għawdex. Kurjuża ħafna kif l-iskrupli tan-nies u l-inbieħ tal-klieb tiegħi bil-lejl siktu għal kollox.*

**1972-1974**

*Bdejt kors universitarju tal-Guidance and Counselling. Sena wara (1975) ġejt appointed Counselling and Guidance Officer fit-Technical Institute sakemm*



ġejt boarded out fl-1981. Kont inkun imqabbad naghti talks fuq il-Careers and Job Opportunities f'diversi skejjel sekondarji, anki privati. Dan tani l-opportunità li niġi in contact ma ħafna żgħażagħ (both sexes) u nissuġġerilhomjobs, tibdil fil-kors, riezzjoni soċjali jew morali tal-problemi tagħhom.

**1980**

Sirt kanonku B'Kara. Mill-1981-89 kelli naċċetta li nieħu l-amministrazzjoni tal-Beni tal-Bażilka f'idejja. Ix-xogħol pastorali issa żdiedli f'San Ġiljan u B'Kara; barra l-qrar bla nifs fil-fabbriki u hotels, boat houses l-Armier, il-Qawra, korsijiet, eżerċizzi tar-Randan, eċċ...

**1989**

Lejliet id-Duluri (Marzu) wara nofs inhar, qomt inħejji bie nitlaq inqarar fil-każin ta' Pinto, Qormi. Tani attakk ta' "severe and acute angina", u l-ambulanza ġarritni lejn l-isptar; fejn ġejt discharged biex l-għada jkompluli c-check-ups.

L-għada fil-quddiesa tad-9.00am rega' tani attakk ieħor qawwi. Temmejt il-quddiesa bi ħbatija bla ma ħadd tħajjar jgħinni ħlief Alla, li sama' t-talb tiegħi. Mort insuq l-isptar fejn, flok ic-check-up, tawni out patient appointment għal tliet ġimgħat wara.

Dan ġiegħlni ma nemminx x'għandi. Barra l-funzjonijiet ta' l-Għid ġo B'Kara u San Ġiljan, ħriġt imbierek minn Ta' Ġiorni Flats sa t-triq tal-baħar. Ta' din l-għajnuna meravilјuża, ta' din id-darba biss, li Alla għoġbu jagħtini, ukoll inħossni li nibqa' grat lejH għal dejjem.

Fl-għadd kbir ta' saram li ġarrabt f'ħajti minn mindu kont ċkejken, kull meta baxxejt rasi, ammetejt it-tort bla ma kien jistħoqqli, id-dell ta' Alla setgħani ħassejtu jinżel fuqi biex iħarisni mill-gwaj. Irrid inkun tassew imbeċilli biex ma nafdax biss f'Alla Missieri.

**1990**

Fiż-żmien bejn l-1994-1999 mietuli l-aħħar erba' minn ħuti. Nibqa' grat lejn il-familja kollha li qasmu miegħi il-piż tas-saċerdozju.

**2000+**

Nitlob lil Alla Missierna li jibqa' jħarisni, biex nisma' minn Ibnu l-Għażiż, Alla, illuminat mill-Ispirtu Imqaddes Tiegħu sa l-aħħar nifs ta' ħajti.

Nitlob li jagħdirni fin-nuqqas ta' ħilti, u jkun ħanin miegħi meta nidher quddiemu biex intih rendikont ta' għemili tul iż-żmien li pprovdhieli.

Grazzi Sinjur Alla, u aħfirli Sinjur Alla. Amen.